MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Numru. 15/2003

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**V**

**MARIO AZZOPARDI**
**MARTIN AZZOPARDI**
**JOHNNY AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **MARIO AZZOPARDI** ta' sitta w ghoxrin sena bin John u Anne nee Cassar, imwieled Victoria, Ghawdex nhar l-erbgha ta' Mejju 1976 u joqghod 'Cor Iesu', Triq r-Rotunda, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 13476G, **MARTIN AZZOPARDI** ta' disgha w ghoxrin sena, bin John u Anne nee Cassar, imwieled Victoria, Ghawdex nhar l-erbgha ta' Mejju 1974 u joqghod 'Cor Iesu', Triq r-Rotunda, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 10974G u **JOHNNY**

**AZZOPARDI** ta' erbgha w ghoxrin sena bin John u Anne nee Cassar, imwieled Victoria, Ghawdex nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 1978 u joqghod 'Cor Iesu', Triq r-Rotunda, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 18378G gew mressqa quddiemha akkuzati, talli fl-erbgha ta' Awissu 2002, ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar fi Pjazza Indipendenza, Victoria, Ghawdex, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra jew li jgibulha disordni f'mohha u cioe kkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Portelli minn Nadur, Ghawdex, skond kif iccertifika Doctor Mario Tabone MD.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383 jew 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti esibiti nkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat sitta w ghoxrin ta' Mejju 2003, sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputati jiddikjaraw fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003, li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 [fol 34 et seq tal-atti].

Rat l-affidavit ta' Doctor Salvina Zrinzo esibit bhala document JP 1 a fol 53 tal-atti processwali.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tnax ta' Ottubru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 2004 **xehed Joseph Portelli** [fol 40] fejn qal li nhar l-erbgha ta' Awissu 2002,

ghal habta tal-erbgha w kwart ta’ wara nofsinhar, hu kien fil-pjazza tat-Tokk, r-Rabat, faccata tal-kazin tal-Labour, mal-monument bejn il-Banka, fejn jarma l-kaxxi teighu tal-Monti. Qal li kien ibiegh fuq il-Monti part time u kellu l-kaxxa bin-numru disgha. Kompla jghid li x’hin zarma, kien baqgahlu jorbot il-hadid mas-sigra b’katina b’katnazz u kif kien qed jaghmel dan, mar wiehed bit-taxi, li dakinhar lanqas kien ghadu lanqas jaf ismu, pero llum jaf li jismu Joseph Attard, u beda jitkellem mieghu dwar safar, fuq l-Amerika, peress li hu kien New York meta waqghu t-Twin Towers. Qal li wara li damu xi ftit jitkellmu, fid-daqqa w l-hin, hass daqqa go rasu.

Fuq domanda tad-difiza, fejn kien qed jitkellem ma Joseph Attard x-xhud wiegeb li kien hdejn l-Banka Giuratale, hdejn s-sigra u Joseph Attard kien faccata tieghu. Spjega li meta qala d-daqqa u hu hassha go rasu u spicca mal-art.

Qal li l-imputat Mario Azzopardi spicca fuqu jaghtih bil-ponn. Qal li l-imputat Johnny Azzopardi li hu ghalliem, beda wkoll jaghtih bis-sieq go rasu meta hu kien mimdud mal-art u lil imputat Martin Azzopardi li jahdem l-bank, rah ghaddej b’hadida minn wara. Qal li hu kien ilu sentejn jbiegh fuq il-Monti. Qal li sena qabel kellu incident iehor ma l-imputati Mario u Martin Azzopardi.

Qal li dawn gew kiesah u bierghed fuqu. Qal li hin minnhom Johnny u Martin Azzopardi waqfu jaghtuh pero Mario Azzopardi kompla jaghtih fuq rasu fil-parti ta’ wara u hu beda jiggranfa ma ghonqu. Qal li waqt li kien daru mal-art, Mario kien bil-qeghda, kokka fuqu jaghtih b’hadida twila u hu qatghalu l-katina. Qal li hu beda jghid lin-nies biex izommuh u mar wiehed minn wara San Gorg, naqra mimli w ipprova jnehhi lil Mario Azzopardi minn fuqu. Kompla jghid li wara mar iehor li kellu l-kazin tal-Labour f’idejh, u nehhih. Qal li hu ma kienx hass fejn laqtu u war kellu tbengil f’siequ. Zied jghid li wara mar ghand t-tabib Doctor Mario Tabone w anke professuri minn fejn irrizulta li fil-mohh ma kellux problemi.

In kontra'ezami ix-xhud, mistoqsi jekk kienx jaf minn tefghu mal-art, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Qal li dak l-hin li kien qed izarma, f'idu kellu katnazz u rabat l-hadida mas-sigra. Qal li kien hemm wkoll Sammy Meilaq. Qal li x'hin qajmuh mill-art u dahhluh l-kazin tal-Labour, biex jghamlulu s-silg ma rasu, zijuh Sammy Meilaq u martu Clementina Meilaq bdew jghajjruh wkoll. Qal li kien hemm wkoll xi familjari ta' zijuh certu Robert u jekk mhux sejjer zball Antonella Meilak. Qal li hu ma ndikax lil pulizija li kien hemm din il-persuna Joe. Zied jghid li kien hemm wkoll persuna maghrufa bhala s-Sufi u fuq il-mejda hdejn il-kazin tal-Labour kien hemm nies ohra.

Qal wkoll li lil Joseph Attard ma kien qed jghidlu xejn dwar l-imputati u lanqas ma kien qed ihares lejhom, pero x'hin kien qed jitkellem beda jaghmel mossi b'idejh. Kompla jghid li Mario Azzopardi jarma wkoll fuq il-Monti u hemm distanza aktar twila mill-awla l-kbira biex tasal ghal fejn jarma Mario Azzopardi u hu. Qal li Mario Azzopardi jarma quddiem il-kappella fuq triq principali w jbiegh nuccalijiet, briered, xugumani u zraben. Qal li hlief il-katina li semma ma kellu xejn aktar f'idejh.

Illi nhar d-disgha ta' Marzu 2006 **rega' xehed Joseph Portelli** [fol 125a] fejn esibixxa pjanta, li giet immarkata bhala document S [fol 126] tal-post fejn sehh l-incident w indika lil Qorti bl-ittra "X" fejn sehh l-incident. Hu indika lil Qorti wkoll fejn jahdem hu bl-ittri "JP" u l-post fejn jahdem Mario Azzopardi bl-ittri "MA'.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 2004 **xehed Joseph Grech** [fol 43] fejn qal li kien jum il-Hadd, wara nofsinhar meta kien qed jitkellem mas-Sur Portelli li kien fil-pjazza. Qal li dahal l-kazin tal-Labour jitkellem mas-Sur Camilleri u sema ghajjat w is-Sur Camilleri hareg minn gewwa u hu baqa fil-hanut. Kompla jghid li wara ftit hareg u ra lil Joe Portelli mal-art, jillatika ma Mario Azzopardi.

Qal li lilu, Joseph Portelli qatt ma semmilu lil Azzopardi u hu ma ra lil hadd jagredixxi lis-Sur Portelli. Qal li l-imputati

presenti fl-awla kienu hemmhekk, pero kienu gia gew mifrudin minn nies. Qal li hu ra nies jzommu lil ahwa Azzopardi milli jkomplu jiggieldu mas-Sur Portelli u fil-fatt n-nies marru jzommuhom. Qal li l-ahwa Azzopardi w is-Sur Portelli kienu hemm. Qal li wara rritorna lura l-kazin w is-Sur Camilleri dahhal lis-Sur Portelli fil-kazin w ghamillu borza silg peress li rasu kienet hamra. Qal li hu ra lis-Sur Camilleri jifred lis-Sur Portelli mill-ahwa Azzopardi. Qal li l-incident sehh ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar fis-sajf.

Qal li Joseph Portelli ma kellu xejn meta hareg u rah hu u ma ra lil hadd isawwat lil hadd. Qal li hu ma rax lis-Sur Portelli u Mario Azzopardi jitlewmu u lanqas ma ra lil Mario u lil Johnny jitlewmu mas-Sur Portelli. Qal li hu rah fuq il-post wara li hareg mill-kazin. Qal wkoll li hu ma ra lil hadd b'xi haga f'idejh.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 2004 **xehed Victor Camilleri** [fol 45] fejn qal li hu ma kienx presenti ghal incident fejn kien involut s-Sur Portelli, ghaliex kien fil-kazin tal-Labour jghin lil ibnu. Qal li f'daqqa wahda sema' twerzieq w ghajjat u hareg jara x'gara. Qal li pero x'hin hareg ma ra xejn ghaliex kien hemm van faccata tieghu u x'hin resaq lejn il-monument, fejn kienet qed issehh l-glieda, ra tnejn minn nies u cioe lil Joe minn Nadur u iehor mix-Xewkija jitqallbu mal-art. Qal li ra lil Joe Portelli jiggieled ma Mario Azzopardi, kienu mal-art u fuq Joe Portelli kien hemm Mario Azzopardi u wara kien mar Salvu jifridhom u qala wiehed minn fuq l-iehor. Qal li wara l-glieda hu ra tbengila fuq mohh Joe Portelli u kien daqsxejn stordut. Qal li hu ma kienx mill-bidu fuq ix-xena fejn sehh l-incident. Qal li wara l-incident hu gabar xi fliexken shah, minn mal-monument u dahhalhom gewwa pero fliexken ma ra f'idejn hadd.

Qal li Joseph Portelli kellu grif zgur, fuq mohhu. Qal li qabel l-incident, Joseph Portelli kien xtara zewgt ifliexken birra, ghax hu jixrob hafna birra.

Illi nhar d-dsatax ta' Awissu 2004 **xehed Joseph Attard** [fol 72] fejn qal li hu kien presenti ghal incident in

dezamina. Qal li Mario Azzopardi kien heddu. <u>Qal li ra lil Mario Azzopardi jersaq lejn Joseph Portelli u jaghtih kemm jiflah f'ghajnejh</u>. <u>Qal li Johnny Azzopardi beda jaghtih bis-sieq u Martin Azzopardi jaghtih b'hadida kbira tal-armar</u>. Qal li jikkonferma bil-gurament tieghu li t-tlieta taw xebgha lil Joseph Portelli. Qal li hu ma sema lil Joseph Portelli jghidilhom xejn u kull ma kien jaf hu li kien mal-art hdejn il-Banka Giuratale fil-pjazza, ftit 'l fuq mill-istatwa tas-Salvatur. Qal li minn fejn kien hu u fejn sehh l-incident hemm circa mitejn pied. Qal li hu ma qal xejn meta rahom jaghtu lil Joseph Portelli peress li Mario ftit qabel kien heddu ghal xejn b'xejn.

Cahad dak suggerit mid-difiza, li hu ma jkellimx lil Mario Azzopardi ghaliex kien jheddu li jaghtih. Qal li qabel l-incident ma kienux miksurin u spiccaw miksurin minn dakinhar tal-incident 'l hawn. Qal li jahseb li Mario Azzopardi heddu peress li kien vicin Joseph Portelli. Cahad dak li gie suggerit mid-difiza li hu kien qed jaghmel xi mossi waqt li kien hdejn Joseph Portelli. Cahad wkoll li f'xi hin Joseph Portelli kellu flixkun f'idejh u li Martin heddu. Qal wkoll li Mario u Johnny ma kellhom xejn f'idejhom. <u>Qal li hu ra lil Johnny Azzopardi jaghti lil Joseph Portelli b'saqajh biss</u>.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Awissu 2004 **xehed Doctor Norbert Vella** [fol 75] fejn qal li hu kien gie nomiant mill-Qorti biex jezamina lil Joseph Portelli. Ix-xhud esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala document RM [fol 77]. Qal li hu ezamina lil Joseph Portelli nhar t-tletin ta' Gunju 2004, kwazi sentejn wara l-incident. Qal li fil-konkluzzjoni tieghu qal li kien qed isofri minn ugiegh ta' rasijiet tat-tip *muscle tension type* u kellu disturbi fil-vista li skond l-ispecjalisti tal-ghajnejn, kienu *V3 's floaters* u kellu anzjeta. Qal li hu jhoss li ghadu disabled minhabba dawn l-affarijiet li kien qed ihoss, biss wiehed irid jzomm f'mohhu li anke l-anzjeta w d-depressjoni ser izidu dawn s-sintomi, jigifieri kemm l-ugiegh ta' rasijiet u forsi anke disturbi fil-vista. Qal li meta rah, Joseph Portelli kien qallu bil-gurament, li ma kellu ebda forma ta' disturbi qabel l-

incident t'Awissu 2002, jigifieri dawn s-sintomi gew kollha wara dik d-data. Qal li l-ezami kien normali, jigifieri dan ghandu sintomi imma meta tezaminah ma hemm ebda sinjali ta' deficit neurologiku.

Zied jghid li hu ra l-history file tal-isptar u kien irrizultalu li kellu incident iehor f'Dicembru 2000 fejn wkoll kien involut fi glieda. Kellu xi cikatrici fuq l-koxxa tax-xellug u sofra minn xi ugiegh ta' rasijiet u stordament ghal xi zmien qasir w apparentament rega' rrikorra l-isptar u kien illicenzja ruhu mill-isptar ftit wara. Spjega li wara d-daqqa fuq r-ras, wiehed jkollu *muscle tension headache* w anke *V3's floaters*, hija haga li tista tigri.

Illi nhar t-tletin ta' Settembru 2004 **xehed PS 1040 John Grima** [fol 83] fejn qal li fl-erbgha ta' Awissu 2002, ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar kien ircieva rapport minghand Joseph Attard li fi Pjazza Indipendenza fir-Rabat, Ghawdex, kien hemm argument u glieda. Qal li hu baghat pulizija hemm fejn sabu lil imputat Mario Azzopardi u lil Joseph Portelli li kellhom xi griehi. Qal li lil Mario Azzopardi baghtu l-Gozo Health Centre fejn gie ezaminat minn Doctor Brian Gatt.

Irrizulta li dan kellu xi girehi hfief u '*superficial circular abrasions accompanied with erythematous streaks on the middle and right side of neck*.' Zied jghid li lil Joseph Portelli wkoll baghtu l-Health Centre akkumpanjat mill-pulizija fejn gie ezaminat wkoll minn Doctor Brian Gatt w irrizulta li '*he was suffering from a lump on his left side of his skull and bruising around his left eye accompanied by swelling. Such lesions were compatible with a blunt trauma*' w ghalhekk intbaghat l-Isptar Generali sabiex jittehidlu X Rays tar-ras. Qal li hemmhekk gie ezaminat minn Doctor Peter Muscat li ghamillu appuntament l-Ophthalmology Department ghal ghada.

Spjega li hu kellem lil Joseph Portelli li qallu li hu kien fejn l-istatwa ta' Kristu Re jitkellem ma wiehed tat-taxi, li sa dak l-hin ma kienx jaf ismu, peress li jitkellmu biss meta jaraw lil xulxin u wiccu kien lejn l-Banca Guratale. Ix-xhud qal li sussegwentement irrizulta li dan kien Joseph Attard.

Kompla jghid li Joseph Portelli qallu li fid-daqqa w il-hin dan tat-taxi rah jinhasad u hu laqqat daqqa go wiccu. Qallu li ftit kellu cans ihares pero mill-ftit li ra, ra lil Mario Azzopardi u lil huh iz-zghir. Qallu wkoll li hu waqaf w intilef minn sensih u kif gie f'sensih sab lil Mario Azzopardi jaghtih bil-ponn. Qallu wkoll li hu kien jiftakar li kien qatghalu l-katina li kellu m'ghonqu w ipprova jzommu minn ghonqu biex jaqilghu minn fuqu. Qallu wkoll li wara marru xi nies u gibdu lil Mario Azzopardi minn fuqu.

Mistoqsi mix-xhud jekk Mario Azzopardi kellux xi haga f'idejh waqt li kien qed jitkellem ma Joseph Attard, Joseph Portelli qallu li hu kien qed jixrob flixkun birra pero ma ftakarx jekk kienx gia tefghu mal-art qabel ma Mario Azzopardi hebb ghalih. Qallu wkoll li jekk kien ghadu f'idejh, zgur li ma kienx xejjru ghaliex hu ma kienx ra lil Mario Azzopardi gej ghal fuqu.

Ix-xhud kompla jghid li hu tkellem wkoll mal-imputat Mario Azzopardi li qallu li huma kienu qed izarmaw minn fuq il-Monti meta ra lil Joseph Attard tat-taxi fejn Kristu Re u peress li kien qed jaqla qlajja li hu kien baraxlu l-karozza, resaq halli jkellmu bil-kelma t-tajba. Mario Azzopardi qallu li hekk kif kien se jkellmu, ra lil Joseph Portelli sejjer ghalih minn wara Kristu Re. Qallu li rah jigbor flixkun minn mar-*railing* tal-istatwa u b'id wahda ta s-salt ghal ghonqu u b'idu l-ohra bil-flixkun. Qallu wkoll li hu kien refa' idejh biex jilqa d-daqqiet u laqtu f'rasu u waqghu fuq il-bankina. Qallu li kien jaf li Mario Azzopardi kien habat rasu u hu irkopptu x-xellugija. Qallu li tat-taxi ma kienx jaf fejn kien spicca.

Meta tkellem ma Joseph Atard, kompla jghid ix-xhud, dan qallu li kien qed jithaddet ma hawker minn Nadur, u Mario mar jiccalingjhom ghal glied u rah sejjer ghal fuqu u beda jheddu u jghidlu '*inkissrek llum, ma ninzilx minn hawn*'. Qallu li hu harab lejn l-Banca biss l-iehor baqa fejn il-vann tieghu. Qallu li Mario w t-tnejn l-ohra hutu ntefghu fuq Joseph Portelli u tawh xebgha. Qallu li lilu ma kienux messewh.

Ix-xhud kompla jghid li hu tkellem wkoll mal-imputat John Azzopardi li qallu li x'hin ra lil huh Mario l-imputat u lil Joseph Portelli fl-art, mar hemmhekk biex jifridhom. Qallu wkoll li hu ha mieghu flixkun tal-Hop Leaf minn idejn Joseph Portelli.

Zied jghid li xi tlett ijiem wara hu tkellem mal-erbgha persuni li kien indikalu l-imputat Mario Azzopardi li kienu bejjiegha tal-Monti, certu Saviour, Clementina, Robert u Mary Grace Meilaq. Spjega li Saviour qallu li ra lil imputat Mario Azzopardi sejjer jigri fid-direzzjoni ta' Joe tat-taxi u Joseph Portelli li kienu hdejn xulxin u f'daqqa wahda tat-taxi telaq jigri filwaqt li l-iehor mar hdejn il-pilastru. Qallu li kien rah jaqbad flixkun tal-birra u johrog ghan-nofs ghal Mario u Mario baqa diehel bir-ras fuqu u waqqghu. Ix-xhud qal li din il-versjoni tal-fatti giet wkoll korroborata mill-ohrajn li kien hemm mieghu.

Kompla jghid li Joseph Portelli, l-ghada tal-incident kien mar l-Ophthalmic fejn rah Doctor Ivan Vella li ccertifikah li kellu '*briusing around left eye*' pero ma ccertifikax x'kienu n-natura tal-griehi. Zied jghid li nhar s-sitta ta' Awissu, Joseph Portelli mar l-isptar St. James fejn gie invistat minn Doctor Silvana Zrinzo li ccertifikat li l-pazjent ma kellux evidenza ta' *intra celebral pathology*. Qal li fid-disgha ta' Awissu Joseph Portelli rega' mar, din d-darba l-isptar San Luqa fejn gie invistat minn Doctor A. Galea Debono li ccertifika li Joseph Portelli kellu '*a bruise below left eye lid and had a bleeding in the left scalera. Mr. Portelli had symptoms of the post concussional syndrome relating to the head trauma which he sustained on the 4$^{th}$ August 2002*'. Ix-xhud zied jghid li pero dan t-tabib ma ccertifikax n-natura tal-griehi.

Kompla jghid li fil-wiehed w ghoxrin ta' Settembru, Joseph Portelli baghat kwerela b'zewg certifikati maghha, wiehed tat-tnejn ta' Settembru 2002 ffirmat minn Doctor Ivan Vella u l-iehor tat-tlieta ta' Settembru 2002 ffirmat minn Doctor A. Galea Debono minn fejn jirrizulta li kien irriskontra griehi f'rasu.

Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PC [fol 86]. Mistoqsi mid-difiza meta hu tela' l-pjazza tat-Tokk, fejn sab lil Azzopardi u lil Portelli, ix-xhud wiegeb li l-ewwel li telghu l-pjazza kienu zewg pulizija u cioe PC 1506 u PC 863 li sabu li l-glieda kienet gia waqfet w ghalhekk huma setghu jirrispondu din domanda.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2005 **xehed Joseph Sacco** [fol 100] fejn qal li dakinhar tal-incident hu kien fil-hanut fil-pjazza tat-Tokk u sema xi ghajjat barra u xi hadd jghid li kien hemm glieda u hareg ma xi nies ohra biex jara x'kien gara. Qal li x'hin hareg ra lil imputat Martin Azzopardi, l-imputat presenti fl-awla, u l-iehor li ma kienx jaf ismu u lil Joseph Portelli li kienu qed jiggieldu hdejn il-monument ta' Kristu Re, fil-pjazza tat-Tokk, u hu u tnejn ohra marru jferrquhom. Qal li Joseph Portelli kien fit-triq speci gharkopptejh filwaqt li <u>Martin Azzopardi kien fuq il-bankina fuq ir-rih ta' Joseph Portelli</u>. Qal li lil ohrajn hu ma rahomx hemmhekk. Mistoqsi jekk rax xi haga f'idejn Martin Azzopardi, ix-xhud wiegeb li ma ra xejn.

Mistoqsi in kontr'ezami jekk rax lil Joseph Portelli b'xi haga f'idejh, x-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li meta firduhom minn ma xulxin, jekk ma kienx sejjer zball, kien hemm xi ghajjat iehor minn zewg minn nies pero hu wara telaq minn fuq il-post. Mistoqsi jekk jafx li kien hemm xi nies ohra fuq il-post tal-incident, ix-xhud wiegeb li kien nesa.

Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 **xehed l-imputat John Azzopardi** [fol 129] fejn meta gie mistoqsi jekk hu kienx involut f'xi incident wiegeb li hu kien qed jghin lil huh Mario Azzopardi l-ko-imputat, li jahdem fuq il-Monti. Qal li f'hin minnhom huh qallu li kien ser jillarga minn fuq il-post biex imur t-*toilet* u biex jaghmel dan ried jaqsam il-pjazza, u qallu biex jiehu hsieb l-*istore* tieghu. Spjega li kif huh kien sejjer, Joseph Portelli ghamel ghalih, pero ma kienx jaf ghal liema raguni. Qal li kienu boghod minn xulxin xi erbghin pied meta Joseph Portelli hareg ghal huh u gew fl-idejn. Qal li meta ra hekk, mar fuqhom u sab li Joseph Portelli kellu flixkun tal-Hop Leaf f'idejh, pero kienu kwazi

nfirdu minn ma xulxin. Qal li huh Martin ma kienx fuq il-post ghalkemm kien ghadu fit-tarf tal-pjazza, cirka tletin metri boghod minn fejn kien sehh l-incident u fl-ebda hin mar rega' mar hdejh huh. Qal li huh kellu xi grif f'ghonqu w aktarx xi haga zghira f'wiccu, bhal brix.

In kontr'ezami, ix-xhud qal li l-istall taghhom jinsab faccata tal-knisja ta'San Gakbu u dak ta' Joseph Portelli hdejn il-monument ta' Kristu Re. Qal li hu qatt ma kellu xi tikketta hlief ghal xi incident zghir fil-passat.

Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 **xehed l-imputat Martin Azzopardi** [fol 131 fejn qal li fl-erbgha ta' Awissu 2002, hu kien qed izarma l-*istand* ta' huh Mario u kien dak l-hin li nqala x'inkwiet u l-gharusa ta' huh marret l-ghassa tirrapporta li kienu attakkaw lil imputat Mario Azzopardi. Qal li hu ma resaqx fuq il-post fejn sehh l-incident. Qal li hu ma kienx jaf kien inqal l-inkwiet peress li kien qed izarma u ma tax kaz. Qal li ra konfuzzjoni u hafna nies hdejn il-kazin tal-Labour jifirdu lil Joseph Portelli minn ma huh. Qal li ma kienx jaf jekk dak iz-zmien li gara l-incident l-gharusa ta' huh kellhiex post fuq il-Monti. Qal li hu fl-ebda hin ma dahal fil-glieda. Mistoqsi jekk kellux xi hadida f'idejh dakinhar tal-incident, x-xhud wiegeb li mhux jiftakar, izda aktar tard jghid li ma kellux hadida f'idejh u fl-ebda hin ma ta lil Joseph Portelli b'din il-hadida. Rega' qal li fl-ebda hin ma resaq l'hemmhekk.

Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 **xehed l-imputat Mario Azzopardi** [fol 132] fejn qal li dakinhar tal-incident hu kien qed jarma fuq il-Monti u kien sejjer lejn l-latrina. Qal li Joseph Portelli, huwa mqabbad mieghu u darba minnhom kien saq ghal fuqu u kienu spiccaw il-Qorti. Qal li hu ma jaghtix kaz dak li jghidlu Joseph Portelli. Qal li dakinhar tal-incident, meta kien sejjer l-latrina, Joseph Portelli hebb ghalih u kellu flixkun kannella tal-Heineken. Qal li hu beza' minnu meta ra hek, tbaxxa u dahal bir-ras ghal fuqu u spiccaw t-tnejn mal-art. Qal li sussegwentement Joseph Portelli qabdu minn ghonqu u qatghalu l-katina tieghu u gew xi nies u firduhom minn ma xulxin. Qal li hu spicca b'xi grif f'ghonqu u xi haga f'siequ pero baqa jahdem b'mod regolari.

Meta gie muri l-pjanta esibita fl-atti ix-xhud qal li hu kien sejjer lejn l-latrina u kien wasal f'nofs il-pjazza, tlewwmu hu u Joseph Portelli hdejn il-bankina u spiccaw taht l-bankina b'xi nies iferquhom. Qal li hutu kienu hemm jghinuh pero l-kbir, Martin fl-ebda hin ma mar hdejh, kien boghod minnhom xi sebghin metru. Qal li kien Joseph Portelli li resaq lejh u gabar flixkun tal-birra. Qal li Joseph Portelli spicca bil-katina tad-deheb tieghu u l-flixkun tal-birra f'idejh.

Illi nhar s-sitta ta' Lulju 2006 **xehed Sammy Meilaq** [fol 136] fejn qal li fil-jum tal-incident li fih kienu nvoluti l-imputati odjerni hu kien fil-pjazza tat-Tokk u ra lil Mario Azzopardi tiela lejn nofs il-pjazza u lil Joseph Portelli li kien qieghed f'nofs il-pjazza, jmur fuq Mario Azzopardi u jaqbdu f'xulxin qrib t-tarf tal-bankina, ma gemb il-vann fuq in-naha ta' wara. Qal li hu telaq jigri ghal fuqhom peress li wiehed mill-imputati hu l-gharus tat-tifla tieghu u l-iehor, u cioe Mario jigi zijuh. Qal li dak l-hin li rahom f'xulxin, <u>Mario Azzopardi kien fuq Joseph Portelli</u> u ra lil dan tal-ahhar jiggranfa lil Mario Azzopardi minnghonqu. Qal li <u>hu gibed lil Mario Azzopardi u Joseph Portelli remih mill-ewwel</u>. Qal li malli gibed lil Mario, dan gie f'idejh. Qal li mbaghad Joseph Portelli qam bil-wieqaf u kien dak l-hin li ra li kellu flixkun f'idejh. Qal li fuq il-post kien hemm Johnny Azzopardi li ha flixkun minn idejn Joseph Portelli.

In kontr'ezami, ix-xhud qal li Joseph Portelli kien fuq Mario Azzopari pero Mario Azzopardi kien iggranfat ma Joseph Portelli, kienu f'xulxin. Qal li x'hin dawn t-tnejn kienu f'xulxin, Johnny Azzopardi ma kienx hemm. Mistoqsi fejn kien dakinhar, x-xhud wiegeb li kien hemm peress li jarma fuq il-Monti wkoll fejn il-Jubilee. Cahad li l-post ta' Azzopardi huwa hdejn San Gakbu fil-kantuniera. Qal li l-post ta' Joseph Portelli kien hdejn il-monument u kien diga zarma. Qal li hu ghandu tilwima ma omm Joseph Portelli, mhux daqshekk preciz, izda jitkellmu. Spjega li Martin Azzopardi ma kellu xejn x'jaqsam mal-kaz u fl-ebda hin ma rsaq lejn fejn kienu Mario Azzopardi u Joseph Portelli u hdejh ma kellu xejn. Qal li ma kienx minnu li Joseph

Portelli kien qed izomm lil Mario Azzopardi minn ghonqu u li Mario Azzopardi taha xi daqqiet lil Joseph Portelli.

Illi nhar s-sitta ta' Lulju 2006 **xehdet Clementina Meilaq** [fol 138] fejn qalet li hi tigi mart Sammy Meilaq. Qalet li dakinhar tal-incident hi kienet presenti ghaliex kienet mar-ragel jarmaw hdejn il-Jubilee. Qalet li hi rat lil Mario Azzopardi u lil Joseph Portelli mqabbda f'xulxin. Qalet li ma ratx lil Johnny Azzopardi u lil Martin Azzopardi jiggieldu, lanqas fil-pjazza ma rathom. Qalet li rathom jitgerrbu f'xulxin u jaqghu taht bankina.

Mistoqsija jekk resqitx lejn l-incident, ix-xhud wiegbet fin-negattiv u lanqas kienet taf minn resaq. Qalet li zewgha jigi z-ziju ta' Joseph Portelli u fil-present kien hemm disgwid bejn zewgha w omm Joseph Portelli. Qalet li dakinhar tal-incident huma kienu qed izarmaw u Joseph Portelli kien hdejn il-vann hdejn il-Jubilee u hi kienet ma gembu, mhux hdejn r-Roma kif gie suggerit lilha. Qalet li l-imputat Mario Azzopardi jigi l-gharus tat-tifla taghha. Qalet li min mar ghal min, hi ma kienetx taf u hi rathom biss imqabbda f'xulxin. Ziedet tghid li x'ghamel Mario Azzopardi hi ma tafx, pero ratu mqabbad ma Joseph Portelli, t-tnejn f'xulxin. Qalet li minn dakinhar tal-incident, hi tkellmet ma l-imputat Mario Azzopardi.

Illi nhar s-sitta ta' Lulju 2006 **xehed Robert Meilaq** [fol 140] fejn qal li dakinhar li nqala l-incident in dezamina, hu kien fil-pjazza tat-Tokk fejn tarma ommha u missierha u cioe hdejn il-Jubilee. Qal li hu ra lil Mario Azzopardi u lil Joseph Portelli f'xulxin u jaqghu bejn il-vann u l-bankina. Qal li <u>ra lil missieru Sammy imur jigri jigbed lil Mario Azzopardi minn ma Joseph Portelli</u> u ra wkoll lil Johnny Azzopardi jiehu flixkun minn idejn Joseph Portelli. Qal li fl-ebda hin ma ra lil Johnny Azzopardi u lil Martin Azzopardi mqabbda ma Joseph Portelli. Qal li kif beda l-incident hu ma kienx jaf ghalkemm jaf li nqala ftit 'l hawn minn fejn jarma Joseph Portelli, lejn nofs il-pjazza quddiem il-monument. Qal li Joeph Portelli jarma lil hin mill-monument, xi erbgha piedi boghod. Qal li ohtu gharusa mal-imputat Mario Azzopardi. Qal li fuq il-kaz hu tkellem ma ohtu. Qal li hu kien fuq il-Monti ma missieru w

ommu jbiegh dakinhar tal-incident u ra lil Mario Azzopardi ggranfat minn ghonqu minn Joseph Portelli. Qal li ra wkoll lil Mario Azzopardi jipprova jinqala minn ma Joseph Portelli pero m'irnexxilux u kellu jkun missieru li qalghu minn mieghu. Qal li hu fl-ebda hin ma rah jaghti lil Mario Azzopardi.

Illi nhar s-sitta ta' Lulju 2006 **xehdet Mary Grace Meilaq** [fol 142] fejn qalet li hi tigi l-gharusa ta' Mario Azzopardi, wiehed mill-imputati. Qalet li dakinhar tal-incident, hi kienet fuq il-post fejn tarma mal-genituri taghha u kienu qed izarmaw meta sehh l-incident. Qalet li dak l-hin semghet xi hsejjes w ghajjat u kif dawwret wiccha rat lil Joseph Portelli bi flixkun tal-hgieg f'idu jghollih lejn Mario Azzopardi, l-gharus taghha. qalet li meta rat hekk, infixlet u nizlet l-ghassa tghid lil pulizija. Qalet li l-kumplament tal-incident, hi ma ratux. Qalet li hi kien ilha hemm minn filghodu. Qalet li lil Martin u Johnny Azzopardi ma rathomx dakinhar. Qalet li hi ma resqitx lejn l-gharus taghha Mario ghaliex telqet tigri. Qalet li l-incident sehh hdejn l-istatwa ta' Kristu Re u Joseph Portelli jarma fil-vicinanzi.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tiddependi biss fuq l-kredibilita tax-xhieda prodotta u ghalhekk bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk x-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'posizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputati qabdu w ghal xejn b'xejn hebbew ghal persuna ta' Joseph Portelli meta huwa kien ghadu jzarma l-i*stand* tieghu fuq il-Monti.

Illi d-difiza minn naha l-ohra tghid li kien Joseph Portelli li aggredixxa lil Mario Azzopardi u li John Azzopardi mar jifridhom filwaqt li Martin Azzopardi ma dahlax fil-kwistjoni.

Illi bir-rispsett kollu pero x-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni ghandha aktar mis-sewwa, hija aktar kredibbli w attendibbli fic-cirkostanzi w ghalhekk ghandha titwemmen fl-intier taghha.

Illi x-xhieda tad-difiza m'humiex kostanti f'dak li jghidu u fil-fehma taghha, m'ghandhomx mis-sewwa.

Huwa minnu li t-tlett imputati m'aggredewx lil Joseph Portelli bl-istess aggressjoni, izda xorta wahda jibqa l-fatt li kienu huma li aggredew lil Joseph Portelli wahdu. Il-griehi li sofra Joseph Portelli, kif spjegat mit-tobba, jikkorroboraw li d-daqqa hu qalaghha f'wiccu u f'ghajnejh u skond l-istess tobba, tali feriti huma ta' natura gravi w il-vittma Joseph Portelli ser ikompli jsofri minn tbatija fil-vizjoni tieghu w ugiegh ta' ras ghal zmien konsiderevoli.

Il-Qorti rat l-fedini penali tal-imputati w innutat li dik ta' Martin Azzopardi u Johnny Azzopardi huma nodfa minghajr ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrati fuqha w ghalhekk ghandhom jigu meqjusa bhala li huma *first time offenders*.

Illi pero, l-fedina penali tal-imputat Mario Azzopardi ghandha tlettax il-*conviction* registrat fuqha fejn dan gie moghti diversi multi w amendi f'diversi okkazzjonijiet, pero ma tghallimx minn dawn l-esperjenzi ghaliex rega' jinsab l-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

Illi ghalhekk ghal din r-raguni, il-piena li din il-Qorti ser timponi mhux ser tkun l-istess fil-konfront tat-tlett imputati,

anke in vista tal-fatt li partecipazzjoni taghhom f'dan il-kaz ma kienetx l-istess.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed ssib lil imputati JOHNNY AZZOPARDI u MARTIN AZZOPARDI hatja u tiddecidi li tikkundannhom ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt [300] lira maltin kull wiehed filwaqt li tiddikjara li ssib lil imputat MARIO AZZOPARDI hati u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlettax [13] il-xahar sospizi ghal sentejn [2] ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Inoltre ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed torbot lil imputati kollha taht penali ta' mitt lira fin-nuqqas, li ma jimmolestawx u ma jingurjawx lil Joseph Portelli ghal perjodu ta' sena mill-lum.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputati l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huma jonqsu li josservawha u huma minn naha taghhom ddikjaraw li fehmu tal-import.**

**Finalment i-Qorti tordna notifika ta' din s-sentenza lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal kull interess li jista jkollu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------